



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10008/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

**AGRI 289
AGRILEG 105
AGRIFIN 36
AGRISTR 40
AGRIORG 32
CODEC 1182
CADREFIN 265**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1 9634/18 + COR 1 + ADD 1 9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 c) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew - <i>Rapport ta' progress tal-Presidenza</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Il-proposti għal riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) relatata mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 jikkonsistu mit-tliet Regolamenti li ġejjin:
 - Element ċentrali, **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**, li jħaddan il-pagamenti diretti, l-interventi settorjali u l-iżvilupp rurali;
 - Regolament dwar il-finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem: "**Regolament Orizzontali**"), li jissostitwixxi r-Regolament attwali bl-istess isem;
 - Regolament li jemenda u jaġġorna r-Regolamenti(UE) Nru 1308/2013 1151/2012 dwar organizzazzjoni komuni tas-suq ta' prodotti agrikoli (CMO), (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew (minn hawn 'il quddiem: "**Regolament emendatorju**").
2. Wara l-ewwel qari tat-tliet Regolamenti proposti mill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill responsabbli u x-xogħol magħmul kemm fil-Kumitat Speċjali għall-Agrikoltura (KSA) u fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza Awstrijaka bagħtet l-ewwel sett ta' suġġerimenti ta' abbozzar dwar it-tliet proposti (15058/18 + ADD1, 15046/18, 14195/18) u ppreżentat Rapport ta' Progress dwar l-istat tal-eżami tagħhom lill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2018 (15027/18).
3. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma magħmula mill-Presidenza Awstrijaka u wara aktar diskussjonijiet li saru fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-KSA u l-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza Rumena ppreżentat sett ta' suġġerimenti riveduti ta' abbozzar għat-tliet Regolamenti kollha kemm huma. B'riżultat ta' dan, il-Presidenza Rumena tikkunsidra li t-testi tar-Regolamenti Orizzontali u dwar l-OKS huma ġeneralment stabbli, filwaqt li nkiseb progress sinifikanti fuq ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

4. Barra minn hekk, il-Presidenza Rumena pproponiet diskussjonijiet rigward ċerti dispożizzjonijiet dwar elementi li huma parti min-negozjati orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, bħat-tnaqqis ta' pagamenti, ir-riżerva għall-agrikoltura u d-dixxiplina finanzjarja, mingħajr madankollu ma jiġi stabbilit l-ebda konklużjoni dwar elementi koperti mill-"Kaxxa ta' Negożjar" (li qegħdin għad-diskussjoni fil-livell tal-Kunsill Ewropew). Barra minn hekk, wara koordinazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP, il-Presidenza Rumena neħħiet mill-parenteżi żewġ dispożizzjonijiet li preċedentement kienu kategorizzati bħala relatati mal-QFP (l-Artikolu 40 tar-Regolament Orizzontali u l-Artikolu 58(2) tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK).
5. Bl-istess mod, taħt il-Presidenza Rumena saru diskussjonijiet estensivi dwar atti delegati u ta' implimentazzjoni, dwar kemm ir-Regolament Orizzontali kif ukoll ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li warajhom ġew introdotti suġġerimenti ta' abbozzar, ibbażati wkoll fuq il-kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill.

II. SITWAZZJONI ATTWALI DWAR IR-REGOLAMENT DWAR IL-PJANIJIET STRATEĠIĠI TAL-PAK

6. Il-Presidenza Rumena organizzat 16-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (GH HAQ) u żewġ laqgħat tal-Kunsillieri/Attachés għall-Agrikoltura li jkopru total ta' 26 jum tax-xogħol biex tiġi eżaminata aktar il-proposta, fil-parti l-kbira fuq il-bażi ta' dokumenti tal-Presidenza u dokumenti ta' spjegazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll il-kontribut mis-Servizzi Legali tal-Kunsill. Immexxija mid-dokumenti tal-Presidenza dwar il-politika, saru wkoll diskussjonijiet dwar elementi speċifiċi tal-proposta fl-14-il-KSA u fil-ħames laqgħat tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd".
7. Filwaqt li tikkunsidra l-fehmiet tad-delegazzjonijiet espressi f'dawn id-diskussjonijiet u mibgħuta bil-miktub, il-Presidenza Rumena ppreżentat diversi verżjonijiet ta' suġġerimenti riveduti ta' abbozzar: l-ewwel tnejn (dok. 7007/19 u dok. 7485/19, ippubblikati fl-1 ta' Marzu 2019 u t-13 ta' Marzu rispettivament), iffokaw fuq xi aspetti politikament sensittivi, filwaqt li l-verżjonijiet ippubblikati fis-27 ta' Mejju (dok. 9529/19) u s-7 ta' Ġunju (dok. 10103/19) kienu jikkostitwixxu abbozz mill-ġdid komprensiv tal-proposta kollha kemm hi.

8. Id-diskussjonijiet li saru fil-livell tekniku u politiku, kif ukoll ir-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet għas-suġġerimenti ta' abbozzar mill-Presidenza, għenu jiżguraw progress sinifikanti billi jkun hemm fehim aħjar tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, li tiċċara l-proposta tal-Kummissjoni, li tallinjaha aktar mal-fehmiet tad-delegazzjonijiet u l-kunċetti ta' stabbilizzazzjoni. Id-diskussjonijiet għenu wkoll jiċċaraw il-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu offruti biżżejjed libertà biex jadattaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għas-sitwazzjoni fuq il-post u biex jippreservaw l-element "komuni" tal-politika agrikola.
9. B'referenza għall-aħħar verżjoni tas-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza Rumena ffokat l-isforzi tagħha fuq l-aspetti li ġejjin:
- Bil-ksieb li jiġu stabbilizzati **definizzjonijiet u kondizzjonijiet relatati**, filwaqt li jittieħed kont tat-tħassib tal-Istati Membri, il-Presidenza Rumena pproponiet definizzjonijiet ġodda, bħal "nefqa pubblika" u "AKIS", u abbozzat mill-ġdid id-definizzjonijiet ta' "fondi mutwi", "korp intermedjarju", "bur permanenti", "bidwi żagħżuġh" u "bidwi ġenwin". Barra minn hekk, il-Presidenza Rumena ddedikat diskussjonijiet estensivi għall-proposta mressqa minn xi Stati Membri biex titwessa d-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" sabiex jiżdied l-ispazju għal kontribut ambjentali aktar għani tal-oqsma agrikoli. Għalhekk, il-Presidenza Rumena ssuġġeriet test abbozzat mill-ġdid, li jista' jirrikjedi aktar diskussjoni;
 - B'rabta mat-**tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti**, il-Presidenza Rumena organizzat diskussjonijiet estensivi dwar it-tnaqqis ta' pagamenti (l-Artikolu 15) u l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari għas-sostenibbiltà (l-Artikolu 26), li wasslu għal suġġerimenti bil-ksieb tas-simplifikazzjoni. Tali suġġerimenti huma relatati ma': it-tnaqqis volontarju tal-kosti lavorattivi mill-ammont ta' pagamenti diretti li għandu jingħata lill-bdiewa u l-metodu ta' kalkolu ta' dawn l-ammonti (l-Artikolu 15(2)) u n-natura volontarja tal-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari għas-sostenibbiltà (l-Artikolu 26(1)). Il-Presidenza Rumena inkludiet ukoll ċerti dispożizzjonijiet f'Artikoli oħra sabiex tirrispondi għall-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri;

- L-emendi ewlenin għat-**tipi ta' interventi settorjali** huma fil-parti l-kbira tekniċi u jinkludu bidliet dwar is-sustanza relatati ma': l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' "setturi oħra", sabiex tkopri l-prodotti li jaqgħu taħt il-punt (x) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament attwali dwar l-OKS, abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri; il-flessibbiltà għal organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix biex jaqgħu fil-programmi operattivi tagħhom bejn objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima; l-inklużjoni ta' impenji agroambjentali klimatiċi jew tal-biedja organika assunti mill-membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi taħt l-azzjonijiet koperti mill-FAEŻR għal-livell limitu ambjentali ta' 15 %; il-flessibbiltà li ssir għażla bejn l-implimentazzjoni ta' objettivi fil-livell ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew fil-livell ta' assoċjazzjonijiet; iż-żieda ta' kofinanzjament għall-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima; it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni ta' investimenti fis-settur tal-inbid; l-istabbiliment ta' livell limitu ta' 80 % għall-kofinanzjament ta' nefqa għall-informazzjoni u azzjonijiet ta' promozzjoni fis-settur tal-inbid; il-flessibbiltà fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u setturi oħra biex issir għażla fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK bejn sistema ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u interventi strutturali; Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa diskussjoni ulterjuri b'rabta mal-15 % issuġġerit mill-Presidenza fl-Artikolu 44(7) u dwar id-dispożizzjonijiet relatati ma' "setturi oħra" fl-Artikolu 60a;
- Fir-rigward tat-**tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali**, il-bidliet l-aktar importanti jikkonċernaw: l-introduzzjoni ta' klawnsola ta' reviżjoni fl-Artikolu 65; il-possibbiltà li jiġu ddeżinjati mill-ġdid iż-żoni b'restrizzjonijiet naturali jew b'restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona fl-Artikolu 66; ċerti aġġustamenti għal-lista ta' investimenti ineliġibbli skont l-Artikolu 68, kif ukoll approċċ aktar flessibbli fir-rigward tat-tipi possibbli ta' għodod għall-ġestjoni tar-riskju fl-Artikolu 70. Barra minn hekk, l-Artikolu 75 dwar l-użu tal-FAEŻR imwettaq permezz ta' jew ikkombinat ma' InvestEU nbidel b'mod sinifikanti sabiex ikun skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) u r-Regolamenti InvestEU;

- B'rabta mal-"**mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni**", saru diskussjonijiet estensivi kemm fil-livell tekniku kif ukoll dak politiku, partikolarment dwar il-qafas il-ġdid ta' prestazzjoni. B'halo riżultat ta' dan, il-Presidenza Rumena pproponiet diversi bidliet għat-**Titolu VII** dwar "Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni" biex tadatta aħjar ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-ispeċifità ta' interventi li jaqgħu barra s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) u tippermetti approċċ aktar flessibbli rigward ir-rieżami tal-prestazzjoni. Il-proposti l-ġodda huma relatati mal-possibbiltà li jiġu stabbiliti l-ammonti unitarji annwali medji fir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni għal interventi mhux tas-SIAC abbażi tal-operazzjonijiet magħżula fis-snin finanzjarji preċedenti, kif issuġġerit skont l-opzjoni 1 mid-Dokumenti Konġunt tal-Presidenzi Awstrijaka u Rumena. Barra minn hekk, ir-rappurtar ta' riżultati huwa ssuġġerit li jiġi vvalutat ma' objettivi intermedji kull sentejn. Barra minn hekk, il-Presidenza Rumena inkludiet perċentwali digressivi miżjuda għad-devjazzjonijiet mill-obiettivi intermedji ta' kull sentejn, kif ġej: 45 % fl-202{3}, 40 % fl-202{5} u 35% fl-202{7} (is-snin speċifiċi jistgħu jinbidlu skont il-bidu ta' implimentazzjoni tal-politika l-ġdida). Is-suġġerimenti ser itaffu l-konsegwenzi tar-rieżami tal-prestazzjoni, filwaqt li r-rappurtar annwali tar-riżultati ser jippermetti aġġustament f'waqtu tal-implimentazzjoni sabiex jiġi evitati l-konsegwenzi ta' devjazzjoni oġġla mill-obiettivi intermedji ta' kull sentejn;
- Fuq talbiet tal-Istati Membri, il-Presidenza Rumena fetħet id-diskussjoni rigward l-Anness I dwar l-**indikaturi**. Il-Kummissjoni ntalbet tippreżenta 70 dokument għall-indikaturi ta' kuntest, kontribut, riżultat u impatt, li rrappreżentaw il-bażi għall-ewwel abbozzar mill-ġdid tal-Anness I mill-Presidenza. Ser ikunu meħtieġa aktar kjarifiki, madankollu, dwar il-"mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni", b'mod partikolari dwar l-aspetti relatati mar-rekwiżiti u l-indikaturi tal-ippjanar u r-rappurtar;

- Saru diskussjonijiet tematiċi fil-livell tekniku u politiku dwar l-**"arkitettura ekoloġika"**, meqjusa mill-Presidenza bħala waħda mill-pedamenti tar-riforma tal-PAK. Il-Presidenza ddedikat diversi laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma u tal-KSA, kif ukoll il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" ta' April għal dan il-punt, sabiex issib bilanċ bejn l-akkomodazzjoni tal-ispeċifitàjiet fl-Istati Membri fir-rigward tal-kondizzjonalità msaħħa proposta mill-Kummissjoni u l-preservazzjoni tal-ambizzjoni ambjentali oġġla aċċettata b'mod ġenerali. B'mod partikolari, ġiet iddedikata attenzjoni speċjali lill-aspetti li ġejjin:
 - i) jekk u sa liema punt il-bdiewa ż-żgħar għandhomx ikunu koperti mill-kondizzjonalità; f'dan ir-rigward, il-Presidenza kkonkludiet li l-Istati Membri jinsabu maqsumin fir-rigward tal-applikabbiltà universali tal-kondizzjonalità fil-konfront tal-eżenzjoni tal-bdiewa ż-żgħar. B'riżultat ta' dan, il-Presidenza pproponiet li tinkludi d-"daqs tal-azjenda agrikola" bħala fattur tar-riskju ewlieni li għandu jittieħed kont tiegħu, flimkien ma' sistema simplifikata ta' kontroll u penali għal din il-kategorija ta' bdiewa;
 - ii) jekk l-ekoskemi għandhomx ikunu volontarji jew obbligatorji għall-Istati Membri u kif jiġu evitati ammonti li ma jkunux intefqu meta l-adozzjoni mill-bdiewa tkun inqas milli ppjanat;
 - iii) l-abbozzar mill-ġdid tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT) fl-Anness III biex jirrispondu aħjar għall-ispeċifitàjiet u t-tħassib tal-Istati Membri; KAAT 5 inżammet fis-Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli u ġiet ipprovduta deskrizzjoni ġdida tal-FaST;

- iv) it-tħassir ta' xi Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs) relatati mas-saħħa tal-annimali; xi Stati Membri sostnew li l-implimentazzjoni tad-direttivi kkonċernati hija koperta mir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, li jistabbilixxi qafas komprensiv tal-UE għal kontrolli, awditi u penali li permezz tagħhom bdiewa li ma jkunux f'konformità mar-rekwiżiti fundamentali u importanti jiġu sanzjonati skont il-leġislazzjoni nazzjonali. Stati Membri oħra kienu mħassba li l-penali kienu għoljin wisq, iżda xi Stati Membri huma ssodisfati bl-esperjenza li l-identifikazzjoni tal-annimali tkun parti mill-kondizzjonalità u esprimew it-tħassib tagħhom li s-sigurtà veterinarja fl-UE kollha kemm hi tista' tiġi pperikolata jekk ma tibqax imsaħħa bil-kondizzjonalità. Għalhekk, il-Presidenza poġġiet lill-SMRs 7 sa 10 f'parenteżi u żiedet nota f'qiegħ il-paġna li t-test tal-Artikolu 86(1) tar-Regolament Orizzontali dwar il-penali għandu jiġi elaborat aktar;

Madankollu, peress li l-opinjoni jiet b'rabta mal-punti msemmija hawn fuq huma diverġenti, il-Presidenza tikkunsidra li tinħtieġ aktar ħidma u, għalhekk, jibqgħu "miftuħa";

- Fir-rigward tal-**qafas ta' koordinazzjoni u governanza**, il-Presidenza ffokat l-isforzi tagħha fuq l-akkomodazzjoni tad-dispożizzjonijiet konstituzzjonali tal-Istati Membri reġjonalizzati/federali fir-rigward tal-istabbiliment tal-Awtorità ta' Ġestjoni bl-emendar ulterjuri tal-Artikolu 110. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-konsultazzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni ġew modifikati biex tiżdied il-libertà tal-Istati Membri fir-rigward tat-tlestija tar-rekwiżiti proċedurali għall-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni lill-Kummissjoni;

- B'rabta mad-**dispożizzjonijiet finanzjarji**, il-Presidenza Rumena ffokat fuq żewġ aspetti ewlenin:
 - i) il-livell ta' appoġġ akkoppjat: L-Istati Membri esprimew pożizzjonijiet diverġenti li jvarjaw minn appelli biex dan il-pagament jitneħħa gradwalment sa' appoġġ għall-proposta tal-Kummissjoni (10 % + 2 %), li jinżamm il-livell attwali ta' appoġġ (13 % + 2 %) u jiżdied il-livell sa 23 % + 2 %. Il-Presidenza tikkunsidra li, bħala kompromess, huwa importanti li mill-inqas jinżamm il-livell attwali ta' allokazżjoni, li fl-aħħar mill-aħħar għandu jiġi approvat fil-livell politiku;
 - ii) il-livell ta' assistenza teknika: wara talbiet tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ssuġġeriet li ż-żieda għal 6 % tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR tapplika għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fejn l-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali huwa sa EUR 1.5 biljun;
- Il-Presidenza Rumena ffokat ukoll il-ħidma tagħha fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-Kompetizzjoni, l-aktar fuq l-abbozzar mill-ġdid tal-Artikolu 131 (Għajnuna mill-Istat) u l-Artikolu 133 (Miżuri fiskali nazzjonali).

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT ORIZZONTALI

10. Abbażi tat-test tal-Presidenza Awstrijaka tal-proposta (15046/18), il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji (GH AGRIFIN) komplja eżamina r-Regolament Orizzontali l-ġdid propost u ddiskuta diversi suġġerimenti ta' abbozzar addizzjonali miġbura flimkien mill-Presidenza Rumena, li xi wħud minnhom ġew diskussi wkoll fil-KSA u fil-Kunsill, bħar-riżerva għall-agrikoltura u d-dixxiplina finanzjarja. Sabiex turi l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni emerġenti tal-Kunsill dwar il-proposta, fis-7 ta' Ġunju l-Presidenza ppubblikat l-aħħar verżjoni tat-test konsolidat tal-proposta, li jirrifletti s-suġġerimenti ta' abbozzar kollha meqjusa fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu s'issa (10135/19).¹

¹ Għandu jiġi nnutat li l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (GH HAQ) huwa responsabbli għall-eżami tad-dispożizzjonijiet fir-Regolament Orizzontali dwar is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) (l-Artikoli 63-73) u dwar is-sistema ta' kontroll u penali b'rabta mal-kondizzjonalità (l-Artikoli 84-87).

11. B'mod ġenerali l-Istati Membri jemmnu li sar progress sinifikanti biex ir-Regolament Orizzontali jsir adatt għall-iskop tiegħu għall-"finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ" ta' PAK ġdida bbażata fuq il-*prestazzjoni*. Is-suġġerimenti ta' abbozzar mill-Presidenza fit-test żiedu ċ-ċarezza u simplifikaw ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Orizzontali. Madankollu, għad fadal xi sfidi rigward il-Mudell il-Ġdid ta' Implimentazzjoni u l-allinjament tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku mar-Regolament Orizzontali. Pereżempju, skont xi delegazzjonijiet, il-bidla fil-politika tista' fil-fatt tirriżulta, fuq perijodu qasir, f'piż amministrattiv oġhla għall-amministrazzjonijiet b'kont meħud tal-kompiti addizzjonali u/jew li jinbidlu tal-korpi ta' governanza involuti (eż. aġenziji ta' pagament, korpi ta' ċertifikazzjoni). Għalkemm id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu li r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji finali tista' ssir aktar sempliċi b'riżultat tal-Mudell il-Ġdid ta' Implimentazzjoni, għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw fejn ser issir is-simplifikazzjoni fir-relazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet u l-benefiċjarji.
12. Bi tweġiba għat-tħassib tal-Istati Membri espress fil-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN, il-Presidenza pproponiet diversi suġġerimenti ta' abbozzar għat-test tar-Regolament Orizzontali, bħal: l-Artikolu 8.2 sabiex jindirizza l-kwistjoni pendenti ta' Stati Membri reġjonalizzati jew federali u fir-rigward tal-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti addizzjonali, ġodda; l-Artikolu 30 biex jgħid b'mod espliċitu li l-ewwel pagament magħmul taħt l-istrumenti finanzjarji jirrappreżenta pagament bil-quddiem fit-tifsira tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 35; l-Artikolu 42 sabiex jestendi lill-Kummissjoni għotjiet tas-setgħa li tadotta atti delegati anki għal tipi settorjali ta' interventi; u l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza mar-rekwiżiti attwali tat-trasparenza applikabbli għall-FAEG u l-FAEŻR kif stabbilit fir-Regolament Orizzontali attwali (1306/2013).
13. Saru diversi bidliet oħra ta' natura aktar teknika sabiex tiżdied iċ-ċarezza tat-test u tiġi żgurata l-korrelazzjoni mar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku, inkluż bidliet fil-kapitolu dwar is-SIAK u fir-rigward tas-sistema ta' kontroll u penali u l-kondizzjonalità.

14. Fl-Artikolu 15 (Dixxiplina finanzjarja), wara it-talba ta' għadd sinifikanti ta' Stati Membri, ġie introdott il-livell limitu ta' EUR 2,000. Il-modifika tiegħu kont tal-fatt li din id-dispożizzjoni hija diġà implimentata; għalhekk, is-sistemi tal-Istati Membri huma funzjonali. Barra minn hekk, peress li d-dixxiplina finanzjarja ser tintuża fil-futur bħala l-aħħar għażla, kif imsaħħa aktar min-nota fqiegħ il-paġna introdotta mill-Presidenza, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu kollu kemm hu ma għandhiex timplika piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri. Madankollu, huma meħtieġa aktar diskussjonijiet dwar dan l-aspett, peress li l-fehmiet tal-Istati Membri dwar il-kwistjoni għadhom diverġenti.
15. Ċerti dispożizzjonijiet fir-Regolament Orizzontali propost ġew emendati iżda jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu rieżaminati sakemm jiġi stabbilit ftehim rigward ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar il-QFP:
- Għad irid jiġi stabbilit jekk il-formulazzjoni finali ta' ċertu għadd ta' dispożizzjonijiet fir-Regolament Orizzontali teħtieġ li tiġi adattata bil-ħsieb tat-test finali tar-Regolament propost dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, bħal: l-Artikolu 8 li jagħmel referenza għar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni; l-Artikoli 38-40 dwar is-sospensjoni tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali, mar-rappurtar pluriennali dwar il-prestazzjoni, jew man-nuqqasijiet fis-sistemi ta' governanza u l-Artikolu 52 dwar l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni. Xi raffinament ulterjuri tat-test ta' xi Artikoli oħra jista' jkun meħtieġ ukoll, bħall-Artikoli 74-83 dwar skrutinju tat-tranżazzjonijiet.
 - Dispożizzjonijiet b'implikazzjonijiet baġitarji twarrbu fil-proposta sa ma jsir aktar progress fuq il-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parenteżi kwadri fit-test tad-dok. 9513/19, jinkludu: l-Artikolu 14 dwar l-(ammont tar-)riżerva għall-agrikoltura u r-riport tar-riżerva attwali għal kriżijiet; l-Artikolu 15 dwar ir-rimborż mid-dixxiplina finanzjarja lill-benefiċjarji; l-Artikolu 29 dwar ammonti inizjali ta' prefinanzjament; u l-Artikolu 32 dwar id-data għad-diżimpenn awtomatiku u r-regola ta' N+2 proposta.

IV. IS-SITWAZZJONI ATTWALI FIR-RIGWARD TAR-REGOLAMENT DWAR L-OKS

16. Il-Presidenza Rumena kompliet il-ħidma mnedija mill-Presidenza Awstrijaka u ċarat diversi kwistjonijiet identifikati bħala miftuħa u li jirrikjedu aktar diskussjoni. Għal dan il-għan, f'Jannar sar dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" li matulu l-Ministri ppreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jippermettu l-klassifikazzjoni ta' ċerti varjetajiet ta' nbid, inkluż sitt varjetajiet projbiti kif ukoll dawk li jappartjenu għall-ispeċi Vitis labrusca. F'laqgħat sussegwenti tal-KSA fi Frar u Marzu, ġew diskussi aktar kwistjonijiet relatati fil-parti l-kbira mas-settur tal-inbid bħall-awtorizzazzjonijiet tat-tħawwil, proposta ġdida għat-tikkettar ta' prodotti tal-inbid, l-inbejjed dealkoholizzati u parzjalment dealkoholizzati u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li ppermetta lill-Presidenza Rumena tipproponi suġġerimenti riveduti ta' abbozzar għar-Regolament propost dwar l-OKS fit-12 ta' Marzu 2019 fid-dokument 7451/19.
17. Wara l-kummenti tad-delegazzjonijiet li waslu matul laqgħat bilaterali fil-ġimgħa tal-20 ta' Mejju 2019, il-Presidenza Rumena reġgħet irrevediet it-test bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-18 ta' Ġunju 2019 (7451/1/19 REV 1 + COR 1). L-emendi proposti mill-Presidenza jfittxu b'mod partikolari li:
- Jintlaħaq bilanċ fir-rigward tal-varjetajiet ta' nbid billi tinżamm il-projbizzjoni eżistenti fuq sitt varjetajiet ibridi speċifiċi u fuq l-ispeċi Vitis labrusca iżda jitħalla l-użu tal-ibridi fl-inbejjed DOP;
 - Jiġu ċċarati r-regoli dwar il-kontrolli fuq it-tikkettar tal-inbid biex jiġi żgurat approċċ proporzjonat;
 - L-użu tat-termini "dealkoholizzati" u "parzjalment dealkoholizzati" jsiru obbligatorji fuq it-tikkettar ta' prodotti tal-inbid bħal dawn;
 - Jinbidlu r-regoli li jikkonċernaw l-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid u l-estensjoni tal-perijodu għal konverżjoni tad-drittijiet ta' tħawwil f'awtorizzazzjonijiet;

- Jkun ipprovdut perijodu tranżitorju għar-rekwiżit il-ġdid biex jiġu indikati l-valur nutrittiv u l-lista ta' ingredjenti tal-inbid fuq it-tikketta tiegħu;
- Tinżamm id-dispożizzjoni attwali għall-importazzjoni tal-qanneb;
- Jiġu estenzi r-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni għall-inbid għas-settur taż-żejt taż-żebuga;
- Jittawlu l-għajnuniet nazzjonali fil-Finlandja sal-2027.

18. Id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parenteżi kwadri fit-test, jinkludu: (1) approprjazzjonijiet baġitarji għall-provvista ta' frott u ħxejjex u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (skema għall-iskejjel), (2) allokkazzjonijiet baġitarji previsti fir-Regolament 228/2013 dwar ir-regġuni ultraperiferiċi u (3) allokkazzjonijiet baġitarji previsti fir-Regolament 229/2013 dwar il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew. Ġew identifikati wkoll punti relatati mal-Brexit u dawn jidhru fit-test bejn il-parenteżi bil-qarsa: emenda għall-Artikolu 149 tar-Regolament 1308/2013 u l-premessa 23a relatata.
